MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1201/1999/1

**Joseph u Carmen konjuġi GAFFARENA**

**vs**

**Sebastian DALLI għan-nom ta' Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' Mejju, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu t-tħassir ta' kuntratt li sar bejn il-kumpanniji mħarrkin, wara li jiġi dikjarat li l-istess kuntratt sar b'qerq min-naħa tal-imsemmija kumpanniji bi ħsara għall-kreditu li kellhom l-atturi kontra waħda minnhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-13 ta' Settembru, 1998, li biha l-kumpannija mħarrka Mixer Limited laqgħet billi ċaħdet li kienu jeżistu l-elementi biex isostnu l-azzjoni attriċi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-13 ta' Settembru, 1998, li biha l-kumpannija mħarrka Mixer Concrete Works Limited laqgħet billi qalet li hija aġixxiet b'bona fidi, fil-qafas ta' operazzjoni kummerċjali leġittima, u la ma kellhiex ħsieb ta' qerq minbarra li seħqet li l-elementi l-oħrajn tal-azzjoni ma kinux jeżistu, għaliex lill-atturi ma tnaqqsitilhom l-ebda garanzija dwar il-kreditu tagħhom;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-31 ta' Mejju, 2000[1], li bih sar qbil li l-provi mismugħa u mressqa fl-atti taċ-Ċitazzjoni 103/99[2], jkunu jgħoddu wkoll għal din il-kawża safejn applikabbli;

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet, magħduda dawk ta' għamla dokumentali;

Rat id-degriet tagħha (diverament presjeduta) tas-6 ta' Diċembru 2001[3], li bih laqgħet it-talba tas-soċjeta' konvenuta Mixer Ltd. u issopprasjediet sakemm jiġi deċiż finalment l-eżistenza jew le tal-kreditu;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2004[4], li bih ċaħdet it-talba tal-konvenuti sabiex jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-6 ta'Ottubru, 2004, li fih l-avukat tal-atturi iddikjara li ma kellux sottomissjonijiet aktar xi jżid;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2004, li bih il-Qorti tat lill-kumpanniji mħarrkin żmien biex iressqu s-sottomisjonijiet tagħhom permezz ta' Nota ta' Sottomissjonijiet sa żmien hemm iffissat;

Rat li sallum il-kumpanniji mħarrkin naqsu li jressqu sottomissjonijiet;

---

[1] Paġ. 29 tal-proċess
[2] Li s-sentenza tagħha qegħda tingħata llum minn din il-Qorti kif presjeduta
[3] Paġ. 191 tal-proċess
[4] Paġ. 204D tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-qafas legali ta' din il-kawża huwa l-istess bħal dak li jifforma l-mertu ta' kawża oħra li din il-Qorti qegħda taqta' llum[5] u li fiha hija laqgħet it-talbiet attriċi;

Illi, biex ma jsirux osservazzjonijiet ripetuti, qegħda ssir riferenza għall-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Qorti f'dik is-sentenza, li wkoll tqis provi u ċirkostanzi ġuridiċi li jirrigwardaw il-każ preżenti;

Illi jiġi rilevat biss li, b'differenza tal-kreditu vantat mill-atturi fil-kawża l-oħra, il-kreditu pretiż mill-atturi f'din il-kawża kien jirriżulta minn ftehim f'għamla ta' kitba privata magħmula fl-4 ta' Ġunju, 1991;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** taż-żewġ kumpanniji mħarrkin bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Aġius tad-9 ta' Settembru, 1998, li bih il-kumpannija mħarrka Mixer Limited biegħet u ittrasferiet lill-kumpannija mħarrka l-oħra Mixer Concrete Works Limited il-*batching plant* u l-art ta' madwarha fil-kontrada msejħa "Ta' San Martin" fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, sar b'qerq bi ħsara tal-jedd tal-atturi bħala kredituri tal-kumpannija Mixer Limited u għalhekk bi ksur tal-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili;

---

[5] Ċitazz. Nru 103/99JRM fl-ismijiet "Carmelo Magri et vs Mixer Limited et"

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u, filwaqt li tiddikjara li l-imsemmi kuntratt huwa mingħajr effett, tordna li l-att jiġi rexiss għall-finijiet kollha tal-liġi u għal dan il-għan qegħda tordna li l-att pubbliku relattiv jiġi pubblikat fil-bini tal-Qrati Superjuri nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2005, fil-11.00 ta' filgħodu, u għal dan il-għan qegħda taħtar lin-Nutar Dottor Pierre Attard biex jippubblika l-imsemmi att, u lill-Avukati Phyllis Farruġia u Michael Camilleri bħala kuraturi deputati sabiex jidhru fuq l-istess att għall-eventwali kontumaċi; u

**Tikkundanna** liż-żewġ kumpanniji mħarrkin biex, flimkien u solidalment bejniethom, **iħallsu l-ispejjeż** kollha tal-kawża, magħduda dawk meħtieġa għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tar-rexissjoni.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------